MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2014

Numru. 108/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Roderick Agius]**

**vs**

**Joseph Zerafa**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Zerafa detentur tal-karta tal-identita` numru 473985(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar is-17 ta' Jannar 2014 ghal habta tal-16:20hrs gewwa s-Siggiewi u f'dawn il-Gzejjer, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal aktar minn 116.47 Ewro, imma inqas minn 1164.69 Ewro ghad-detriment ta' Nicholas Anthony Tanti u / jew persuni ohra.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni fejn f'kaz ta' sejbien ta' htija, tinhareg ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Nicholas Anthony Tanti;

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu u stante illi l-imputat hallas a saldu ta' kull pretensjoni l-ammont tad-danni subiti, qed issib lill-imuptat Joseph Zerafa hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) mil-llum. Filwaqt li qed timponi wkoll protection order anness ma' din is-sentenza.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------